MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 428/2013

**Anvil Limited (C2524)**

***kontra***

**Ta` Giorni Limited (C-44235);**

**Dhalia Investments Limited (C-1604);**

**Dr Dorianne Vella LL.D. u l-P.L. Quentin Tanti li b`digriet tas-27 ta` Mejju 2013 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ahmet Ertugrul I.D. 145699M; u b`digriet tad-9 ta` Ottubru 2013 assuma l-atti Dunstan Williams, u gew estromessi l-kuraturi**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li tat fil-miftuh fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2015 (fol 232 et seq).

Rat illi wara li nghata l-provvediment, il-konvenut Dunstan Williams noe, fl-istess udjenza tal-11 ta` Gunju 2015, accetta n-notifika tar-rikors tal-kumpannija attrici tat-28 ta` Novembru 2014, u tad-digriet ta` din il-Qorti tal-1 ta` Dicembru 2014.

Rat ir-risposta li kienet prezentata fis-16 ta` Gunju 2015.

Billi fir-rikors taghha tat-28 ta` Novembru 2014, is-socjeta` attrici qeghda tallega mgieba kriminali mill-persuni ndikati fir-rikors.

Billi l-kwistjoni bejn il-partijiet jidher li qeghda tiehu svolta fis-sens illi ma tistax tibqa` tigi meqjusa biss fuq binarji stretti ta` natura civili.

Billi l-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited irrimettew ruhhom ghal kull decizjoni li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tiehu dwar ir-rikors tas-socjeta` attrici tat-28 ta` Novembru 2014.

Billi l-konvenuti l-ohra, filwaqt illi qeghdin jikkontestaw l-allegazzjoni ta` mgieba doluza da parti taghhom, mhux qeghdin jopponu li ssir investigazzjoni mal-awtoritajiet tal-Pulizija.

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddisponi mir-rikors tas-socjeta` attrici tat-28 ta` Novembru 2014 (fol 128 u 129) billi :**

**Qeghda tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dak li s-socjeta` attrici ssostni fir-rikors taghha li jikkostitwixxi agir kriminuz. Fil-kaz li l-Kummissarju tal-Pulizija jsib li xi persuna (jew aktar) kisret (jew kisru) id-disposizzjonijiet tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta jew xi ligi ohra ta` indole penali, allura ghandu jipprocedi skond il-ligi.**

**Qeghda tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex, a spejjez tas-socjeta` attrici, jaghmel kopja tal-atti kollha ta` din il-kawza.**

**Qeghda tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex fi zmien ghaxart ijiem mil-lum jinnotifika kopja tal-atti kollha ta` din il-kawza lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Ottubru 2015 tissejjah fid-9.00 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------